# "IŻ-ŻEWĠT AHWA"

KUMMIDJA FI 3 ATTI

MAQLUBA GĦAL MALTI

MINN C. ZARB.

PERSUNAĠĠI.

| | | |
|---|---|---|
| Zammit | Il-Konti ta' Lizard Head, ġeneral irtirat | S. Attard |
| Cardona | Clermont, Ħabib tiegħu | Giudice |
| Cassar | Jeanne Marie, Prokuratur tal-Konti. | Cassar G. |
| Pullicino | Pierre } Iż-żewġt aħwa, wieħed ta' 12 il-sena, | Vassallo A. |
| Spiteri | Mario } l-ieħor ta' 13 il-sena. | Bugeja A. |
| Camilleri | Lazzru - iben il-prokuratur, żagħżugħ ta' 16 il-sena | ammarati! |
| Balzi | Karlu, Ħabibu - żagħżugħ ta' 18 il-sena. | ~~[illegible]~~ Ezio Camana |
| Ellul T. | Surġent George, jimxi bil-krozza. | Vella J. |
| ~~Pullicino~~ Spiro | Smith } Suldati avvanzati. | Caruana M. |
| Debrincat | Blackeney | Zammit J. |
| ~~Spiro~~ Pullicino | Williams | Zerafa. |
| ~~Lorenzo~~ Spiro | Jonston | ~~Saviour~~ Joe Ellul |

Raħħala li ma jitkellmux.

Sacco Spiro — Ing Camilleri
Spiteri Jos. — Pullicino Jos.
Bugeja J.
La Rosa Lino
Borg Manwel

Id-dramm jiġi minsuġ f'raħal ċkejken ta' Devonshire li jaqa' taħt idejn il-konti, żmien is-Sultana Anna, 1711, meta l-gwerrer kontra Wiġi XIV ta' Franza kienu waslu biex jintemmu.

# L-Ewwel Taqsima.

## X'jidher.

Bitha kbira tal-Konti. Hajt, fil-fond, li jòhrog mill-lemin u mix-xellug u jispiċċa b'torri f'kull tarf. Il-wisgha jinghalaq b'rixtellu tal-Hadid. Fuq in-naha tal-lemin Bieb li jaghti ghal-gewwa l-kastell; fuq ix-xellug iehor li jaghti ghall-gonna.
Kif tinfetah il-purtiera jidher is-Surgent Ġorġ qed jispezzjona l-ghassa li sa jimmonta.

L-Ewwel Xena

Is-Surgent Ġorġ

Raġel mibni sewwa, fuq xoftejh pur p mustacċi kbar, mibrumin bil-ponot il-fuq; sieq waħda ta'l-injam għalhekk igħin ruħu bi krozza. Jagħti l-kmandi militari b'arja ta' Suldati antik. Is-suldati jkunu "fall in" bi "slope arms."

Order Arms! Hekk għall-inqas għamiltu ħaġa sewwa f'għomorkom ..... X'int tiċċaqlaq Johnston? Qiesek marid bill-ballu San Vitu. Ejjew nerġgħu nippravawha. "Slope Arms"!

Is-suldati jaħdmu, jagħmlu mill-aħjar izda ma' jaħdmux fl-imkien. Is-Surġent ikompli sfantas.

Żommu dak l-azzarin sew mhux qiskom sejrin għall-kaċċa ...... Blackeney għalfejn qed tippoppa dik iż-zagg qiesha l-poppa tax-xini tar-Regina.

Blackeney

Ma nistax, Sur - - -

Surġent

Bizzejjed! Is-suldat għandu jisma' mingħajr ma jitkellem. ~~X' għaliex~~ Kif ma tistax? Mela kilt xi kukkudrill mal-kafè. Williams oħroġ dak is-sider il-barra u ddritta darek ~~nhua~~ qisek ħotbi. Lil Smith li bil-għeja jgerżaq xi lázzarin. Għejejt Int?

Smith

Iva, Surġ - - -

Surġent

Bizzejjed

Smith

Mhux int staqs - - - -

Surġent

Bizzejjed! Meta se titgħallem li suldat għandu jisma' mingħajr ma jitkellem? Li kieku għandi l-ħmar ta' ħija, kien jifhimni imma inthom ma tifhmu b'xejn. Ias hej! Għajjien is-

sinjur. Tridx immur ingiblek pultruna u pipa
ħa tpejjep! Attenti!....

Williams

Imma Surgent din mhix ragunu li tinsultani
minghajr ma nistgħu inkellmuk.

Surgent.

Imfantas għall-aħħar.

X'hini din? Ragunu? Ma tafx li r-ragunu
fis-servizz ma teżistix? Int x'int, għidli
kaga, biex tindakkalli x'naqtmel? Lili, is
Surgent Gorg Hillard, ta' tletin sena
servizz, li ġġilliedt taħt il-kbir general Konti
ta' Lizard Head. Jien li [krieny ħaddom] qatgħuli-siequ għax
ġidimni kelb u ddenniethi, lili tigi tindakkalli
int. U ombagħad wara kollox int min int?
Tkellem?

Williams ma jwiġibx

Tkellem - sa tibqa siekt?

Williams

Ma Surgent Tajtna l-ordni biex ma nitkellmux

~~Williams~~.

Surgent.

Rhajtun basla bhal dawl. M'ghandisi jewwilla d-dritt li ninsa l-ordnijiet li nati? Izda ifthu ghajnejkom tinsewhom ~~intom~~ inti[h].

Imur qeddiemhom, jieqaf waqfa fuq qaddu u jibghat l-ghassa f'postha.

Order Arms! - - - - - Stand at ease! Azzarini ghandkom f'idejkom mhux xema. Zommuh sew. Attenti! Suldati tal-kastell tal-Konti ta' Lizard Head, il-lum l-E. T. il-konti ghogbu jweggahna billi jghamlilna zjara. Ahna, is-suldati tal-kastell tal-~~tal~~ konti ta' Lizard Head, ghandna d-dmir li nhejju dal-kastell tal-konti ta' Lizard Head ghal dina l-kbira zjara tal-Konti. Jieqaf ftit, inaddaf ~~grisma~~ u jissokta. Jiena diga dort il-kmamar kollha u naddaft l-ghanqbut li kien fihom. U intom issa jmisskom is-sehem taghkom. Inti Smith u Blackney se taghmlu l-ghassa fil-

Kancell. Williams inti fil-biet li jagħti għall-gewwa, w inti Johnston f'dal-biet l-ieħor, qiesu li ma tħallu l-ħadd min jgħaddi minn dawk il-bibien ħlief lil Konti w lill-prokuratur tiegħu. ~~Jinsewsi~~ meta jiġi l-prokuratur sellmulu għax dak ~~fuqu~~-fonqla mhux ftit. Mela bies nispiċċa dan id-daqsxejn ta' diskors, li bħala Surgent tas-Suldati tal-kastell tal-Konti ta' Lizard Head, kont fid-dmir ~~sagrosant~~ li nagħmel mill-aħjar tal-ħila tiegħi, ngħalaq, biex nordnalkom li ma tħallu lil-ħadd jgħaddi minn taħt dawk il-bibien. Issa, ħudu postkom.

~~Kulħadd~~ Kulħadd imur fejn qaltlkom, hu jkompli bejn u bejn ruħu. Issa ħalli nati dawra t'għajn fil-kastell. Jigbed għal-ġ biet li jgħati għall-kastell ~~ijda~~ Johnston iwqfu.

Johnston.

Ma tistax tgħaddi.

Surgent

~~Matsud~~. Mgħaladan? Ma tafx li jien nkarigat

mit-thejjijiet għeż-żjara ta' l-E.T. il-Konti.

Johnston.

Ma jimpurtanix ~~minn xejn~~ xejn inti nkarigat. Għandi l-ordni li ma'nħalli l-ħadd jgħaddi.

Surgent.

Trid tgħaddi biż-żmien lis-surgent tiegħek? Jibdielek tafx? Jittanta xi jwarrbu biex jgħaddi. Warrab min-nofs.

Johnston.

Jgħolli l-azzarin fuq spallu b'subajh fuq il-grilla. Jekk tagħmel pass ieħor ikolli nagħmel id-dmir tiegħi.

Surgent.

Imbażża, bejn u bejn ruħu. Aħjar ngħaddi mill-żmien, għax ftit irid biex jisparali. Lil Johnston. Ara kif ġibt ruħek mas-surgent superjur tiegħek. Jiġbed għal-fuq. Williams, iżda dan jilqgħu bl-azzarin. Kif int ukoll. Mela ma tafx min jien?

Williams.

Sa fejn naf jien lå inti l-prokuratur u l-angas.

il-konti.

Is-Suldati jidhlu lkoll. Is-surgent aktar jinfiska u nghaddab iwiegeb.

Surgent.

Nghallimkom jien tizzuffjettaw biża, ġa qabda raththala njuranti. Nurikom jien x'jigifieri dixxiplina tas-suldat antik. Nordnalkom is-swat u wara ndendilkom bhal ma jdendlu l-perzut. Intom gwerrieri? Intom minnhom hlief ertat irgiel tat-tiben. Ma thallunix nghaddi eh? Halli narraw ta'min tghaddi.

Immur t'ġiżja fuq Williams; dan jagħtu jilqgħu bl-azzarin u jitfgħu fuq Smith. Hawnhekk is-suldati jgħmlu ċirku u jimbuttu ~~lis-surgent~~ lejn xi xulxin bhal kieku qed jilgħbu bi trajbu.

Xi tsibtumi lili xi trajbu tat-tiben? Hallumi nghaddi. Hallumi nghaddi: Aghandi immur fil-kastell. Qighed fuq ix-xoghol. Ejjma.... biżżejjed qtajtuli nifsi. Afli se tpattuh qares dai-ċajt....–

Jittanta jaqla' l-krozza minn taht ghabtu biex ixejjer biha. Izda is-suldati jimbuttawh u jaqa minn-tulu fl-art. Fil-pront jidhol il-prokuratur.

## It-Tieni Xena.

Il-prokuratur hu ragel ta'madwar il-hamsin sena. Qasir u mzaqqaq, liebes ilbies ta'xi ghaxar snin, wara iz-zmien. Fuq rasu parrokka qadima, mitfija biz-zmien. Ragel imimli bil-preċeduzzi li soltu wiehed isib qalb l-ghonja tal-~~Kampanj~~ Kampanja.

Prokuratur

Xi grala s-Surgent biex qed narah f'qaghda li xejn ma tixraqlu bhala Surgent qalbieni fl-ezercitu qawwi ta' l-Eccellenza Tieghu il-Konti ta' Lizard Head!

Surgent

Iqum mill-ahjar li jista.

Ahfirli sur prokuratur, jekk fil-hagg ~~sergent~~ Sagrument

tieghek jiena dehert li nqast milli – imġieba tieghi, iżda – – –

Prokuratur.

Jaqtalu kliemu

Mhemmx ghalfejn tinstaram Surgent. Jiena, ghalkemm ghandi l-karigu gholi ta' prokuratur ta' l-Ė.T. f'dan ir-rahal, nasal biex nifhem li bniedem bhalek, irrid nghid jien, raġel b'sieq wahda bhal xejn jista jitlef l-ekwilibriju u jisvara xi ftit jiffes qoxrata' Lumija.

Surgent

Bla Sabar

Imma jien ma żlaqtx f'qoxra ta' lummija. Dawk l-indemonjati ta'rekluti li b'ghattli. L-ewwel żammewhi hawn ma kallewniex nghaddi, mbaghad bdew jilaghbu bija bhal kieku jien xi trajbu tat-tiben.

Prokuratur

Bhal-milqut fil-lahan il-haj

Kif, kif? Kont nahseb li dawn l-irġiel kienet

toqoghdilhom l-uniformi glorjuża tal-~~kol~~ konti.
Lis-suldati qiesu qed ighaddi l-aħħar ħaqq.

U intom, o gwerrieri li ġejtu mgħażula biex tgħassu il-qatt mirbuħ Kastell ta' E.T. il-konti ta' Lizard Head, xhini din tgħakom? Jiena sejjaħtilkom gwerrieri, umma għalkemm ma ġġilidtu ff-ebda gwerra għad tistgħu tiġġieldu u għalkekk ma raib l-ebda oġġezzjoni biex intikom dan il-wisq miatieq titlu. Allura biex narġgħu għal li konna, kif intom, o gwerrieri azzardajtu żżommu lil-qalbieni Surġent Ġorġ Kellard, sudditu tal-Majestà tagħha, raħħal mir-~~r~~raħal tagħna, ta' tletin sena servizz fl-eżerċitu, gwardjan tal-kastell tal-E.T. u surġent superjuri tagħkom, priġunier tal-gwerra fi żmien ~~t~~ta' Paċi? u barra minn dan kif azzardajtu tagħmlu posses mill-persuna tas-surġent qabel imsemmi u teħgħabu bih qiesu trajbu tat-tiben? Idur fuq is-Surġent. Surġent ~~Harsa~~ Hares nitolbok li għall-merti tiegħi taħfer u tinsa. Harsa nitolbok, O Surġent qalbieni, lejn in-nuqqas ta' dawn.

in-nies li għandek taħt il-kmand stmat tiegħek bħala żjuranza. Inti issa tinsab taħt il-ħarsien tiegħi u hawn, quddiem kulħadd, nikklamak ħieles, Surġent Ġorġ Kellard int tista' tagħmel użu minn sieqek tal-krozza u kemm mill-oħra biex bihom tmur taqdi d-dmirijiet li għadek ma qdejtx.

Surġent.

Grazzi ~~sur~~ sur prokuratur. Ħis-suldati. U lilkom, ja qabda klieb ta'rżiezet, li ma kontx għax għandi ħafna affarijiet oħra x'nagħmel kont inħallaskom. Waqt li jkun sejjer. Imma nweġħdkom li ma ndumx ma nitħallas bli max. Jitlaq

Prokuratur

Għandi raġun, ħaqqkom il-ħabs. Issa ried inkun naf x' ġara sewwa.

Is-Suldati jduru miegħu u jibdew jitkellmu f'daqqa

Smith

Sur prokuratur li-storja hija din-----.

Blackeney.

Is, Surġent, sur prokuratur-------

Smith.

Bizzejjed ħa nghajd jien - - - - - -

Williams

Dawn ma jafu xejn. Is-surgent - - - - - -

Johnston

Mhux lassew giddieb. Isma lili sur Prokuratur - - -

Prokuratur

Lommu, zommu, ~~staħbaw~~ stennew ftit mhux titkellmu f'daqa qiskom gallinar tigieg bil-ġuħ. Kulħadd imur f'postu u qiesu li twieġbu l-mistoqsijiet tiegħi bir-reqqa kolla. Int għidli ħaġa kif - - - - - -

Kif ikun se jistaqsi jidħol ~~Lazzru~~ jigri ~~warajh~~ jidħol Karlu

Xena III.

Lazzru

Papà, Papà.

Prokuratur.

X'inqala ibni bien gejt tiebbet qisek ziemel tat-tigrija?

Lazzu

B'nifsu magtugh. Wasal, papà, wasal.

Prokuratur

Matrug minnu n-nifsu bil-ferh. Nifirhu, Nifirhu, Gaudeamus. Il-konti wasal. Oh! li kieku taslu biex tifhmu bhali x-xorti kbira li missitna l-lum.

Lazzru.

Lapapà, mhux il-konti wasal!

Prokuratur

Mela min ibni?

Lazzru

Wasal messaggier jawzana li ftit iehor, l-E. T. ikun maghna.

Prokuratur.

Xorta wahda ibni. Minn hawn u ftit iehor l-E. T. il-Konti jkun maghna. Liema gieh! Liema xorti! Inhoss qalbi trid tixpakka. Ahna kollox ghandna lest biex nilqugh kif jisthoqq, Lazzru tieghi.

Lazzru.

Daiwk nies li hemm fil-~~pala~~ pjazza, papà! Qiesha xi festa mill-kbar nett. Hlief bejjiegha mataraz.

Hemm wieħed tal-buzullotti.

Prokuratur.

Tal-Buzullotti ??! Dak żgur.

Lazzru.

Hemm il-'punch' ukoll, papa.

Prokuratur.

Il-'Punch' ukoll? Kemm se nieħdu gost!

Lazzru.

Mżattat. Jiena papà irrid nuri l-konti kemm naf niġfen u nagħmel kuntrumbajsi. Naf nagħlibha papà.

Prokuratur

Bravu, Bravu ibni, uri lil kulħadd il-ġenju tiegħek watidu. Kemm għandu moħħu jilħaqlu! Min daqshekk tassew ħareġ jixbaħ lili. Eh! "Qualis pater, talis filius!"

Lazzru.

Kollox sejjer tajjeb papa, li kieku ma ġewx dawk iż-żewġ ħallelin ta' Skoċċizi li b'li skuġa tal-lotterija u taż-żfin tagħhom, jisirqu lil ~~min~~ kull min jaqa' taħt idejhom.

Prokuratur

Min huma dawn illi ghandhom il-wiċċ ikassrulna l-festa. Ibqa' fuq il-kelma tieghi, ibni, li jiġu kkastigati. X'wiċċ tost ghandhom in-nies! Jiġu ghall-festa minghajr ma huma mistiednin!

Lazzru

Keċċihom papà; awwelihom quddiem kulhadd ha jitghallmu darba ghal dejjem. Lil-Karlu. Tiftakar Karlu s-sena li ghaddiet x'ghamluli? Kienu daru t-tnejn ghalija?

Karlu.

Niftakar sewwa, iva, imma niftakar ukoll li ghamlulek hekk ghax insultajthom.

Lazzru.

Jien?! Mhux veru.

Karlu.

Imerinisx. Ghadni niftakar sewwa.

Lazzru.

Int giddieb. Int iżżomm maghhom. Imur biex jaqbat ghalih

Karlu

Jgħejjn sewwa. Xi trid tagħmel bħalek?

Prokuratur.

Imbażża. X'wahda din, x'għej? Kif Lazzru? Karlu għaliex dan? Isa, isa erġgħu kunu tbieb bħal qabel. Ma tarawx se tiġġieldu fuq dak li ġara senà ilu? Dak li għadda spiċċa. Issa nahsbu fuq li ġej. Jekk dawk iż-żewġt itfal jersqu 'l hawn jiehdu l-kastig li jisthoqqilhom.

Karlu.

Sur Prokuratur ~~nahtifla~~ ~~li~~ jiena qatt ma rajt żewġt itfal ahjar minn dawk l-Iskoċċiżi, li trid tikkastiga. Lazzru jobogħdhom, għax igħir għalihom. Biex ingħidlek, sur prokuratur, jekk terfa' suba' wiehed biss kontra tagħhom ngħid lil konti b'kollox.

Prokuratur.

O Karlu ta' qalbi, meta għidt 'nikkastigħom' ridt infisser u jiena hsibt li fihmtni, 'nikkastigħom jekk jagħmlu għaliex' Ahna, n-nies tal-liġi, meta nitkellmu nużaw xi kliem li, kif qedt tara, trid tkun Prokuratur bħali biex tifhmu: Għidlek 'nikkastigħom' u b'hekk hallejt is-suppożizzjoni jekk.

jagħmlu għaliex! Dan, kif irrid naħseb li taf, jien għamiltu għax inħobb naqta' fil-qasir meta nitkellem.

## Ir-Raba' Xena.

Pierre u Mario, ikantaw minn ġewwa. Żewġt itfal fuq tagħhom, bi mgħieba li tisraq il-ġlub. Libsin ta ġear. Pierre ikanta w Mario jakkumpanjah b'mandolina Pierre iżomm f'idejh lotterija

Pierre.

Minn ġewwa. Jiena numru min irid!
Min se jirbaħ xi ftit ġid?

Mario.

Jaslu ħdejn il-kancell.

Min jismagħna inkantaw?
Ngħannu bla ma nizbaljaw!

Lazzru.

Dawn huma papà, dawn huma. Min jaf lil min se jisirqu? Keċċihom 'il barra papà.

Prokuratur.

Lil dawk ta 'l-għassa mal-kancell, li jsehilhom ħdejh

Jħallukomx jirfsu l-għatba tal-Kastell, dawk iż-żewġt elfien

Mario.

Lil-kuh Wasalna fl-aħħar.

Pierre.

Dan huwa l-kastell tas-Sur Konti. Ikuna deħlin iżda jwaqqafhom is-sentinella.

Smith.

Jimbutthom bl-azzarin.

Lura, lura, ma tistgħux tgħaddu.

Mario.

Ma nistgħux ngħaddu? Għaliex?

Smith

Għax ma tistgħux.

Pierre

"Għax ma tistgħux." Din mhix raġuni tajba.

Smith.

Tajba u ħażina, n'intomx se tgħaddu.

Mario.

Kemm int qalbek ħażina, ħallina ngħaddu.

Lazzru

Isma', isma' papà kemm huma tosti iridu jgħaddu bil-fors.

Prokuratur

Halli f'idejja, jen naf a'għandi nagħmel. Imur fuq iż-żewġt atwa. Jiena prokuratur ta'dana r-raħal famus u msemmi fl-istorja tad-dinja, tajt l-ordni biex ma jħallukomx tgħaddu minn taħt il-kanċell ta' dan il-qatt mirbuħ kastell ta'l-E.T. il-konti. Jekk intom tidħlu, jew tippruvaw tidħlu, jew inkella tersqu lejn dan il-kastell, jiena għandi s-setgħa narrestakom u narresta wkoll il-lotterija wil-mandolina tagħkom.

Mario.

Imbajja. Imma aħna, sinjur m'għamilna xejn u m'aħna se nagħmlu ħsara lil ħadd.

Lazzru

Igħajbu. "M'aħna se nagħmlu ħsara lil ħadd." Mela x'ġejtu tagħmlu hawn?

Mario.

Mario.

Bien niehdu ^sehem^ fil-festi li qed isiru lil konti ta' Lizard Head.

Pierre

Nixtieqult jismaghna onkantaw u forsi s-sur Konti jiehu biljett fil-lotterija taghna.

Lazzru

Il-lotterija taghkom ghandu bzonn il-konti!

Prokuratur.

Wahdu Ighid nirbah jekk niehu biljett?

Pierre.

Jien m'ghidtleka li ghandu bzonnha. Ahna nafu li ghandu qalbu tajba u ma jkeccinieu.

Lazzru.

Fejn tafu si jaghmel? Il-konti ta l-ordni lill ~~prokuratur~~ il-papà tieghi, biex ikecci xi psatus bhalkom li jigu biex ikassru l-festa. Hux tassew papà?

Prokuratur.

Hekk qal, hekk irid, hekk ikun u hekk se jsir.

Lazzru

Issa smajtuha sewwa. Nda messu u talluna wehidna.

Mario.

Issa hej, int min int biex tikkmanda qiesek sid il-kastell?

Lazzru

Mhux affari ta' pastas bhalek biex tkun taf.

Piero.

Mario, m'gharaftux? Dan hu dak li s-sena l-ohra insultana, Gharaftu?

Mario

Eh! iva, issa qed naghrfu. Jidhol is-surgent.

## Il-hames Xena.

Is-surgent.

M'ghajjel; bhal wiehed li ghandu hafna x'jghmel. Kollox mieni hawn!

Prokuratur.

Bravu, Bravu, Bravu Surgent. Jinsisx li s-sentenza tar-rabja tieghek ghada mdendla fuq ras dawn il-qawwija u qalbiena gwerrieri.

Surġent.

Ertilha għaddejja issa nahfrulhom.

Prokuratur

Jant l-aħjar, għax bħal-issa għandna quddiemna ħaġa bil-wisq aktar importanti. Intix taraw dawk iż-żewġt itfal?

Surġent.

Iva, ~~Jekk ma nizbaljax~~ dawk iż-żewġt itfal Skoċċiżi

Prokuratur.

Tolliha kemm huma. Mela hum af, bħala wieħed fil-pożizzjoni tiegħek, inti għandek taf, li dajt l-ordni biex jiġu mkeċċija mir-raħal.

Surġent

U dan għaliex?

Prokuratur

Biex jinżamm is-skiet.

Surġent.

Mela ~~k~~ tqisibthom xi żewġ rivoluzzjonarji? Sur Podestà, dawn it-tfal nafhom. Is-sena li għaddiet ma xbajtx niggustħom. Jafu jkantaw qishom żewġ

angli. Kull ħaġa jersqu jinħabbu ma kulħadd. Emminni, Sur Podestà, li qatt ma rajt żewġt itfal tajba u helwin bħal dawn.

Prokuratur.

Imħawwad. Veru? Surġent, kelma. Jersqu l-quddiem jitkellmu bejniethom. Rajtha l-lotterija tagħhom?

Surġent.

Iva, is-sena li għaddiet. U ~~bgħa~~ ~~ħabt~~ rbaħt ukoll.

Prokuratur

X'għamilt irbaħt?

Surġent.

Iva, ~~...~~ irbaħt żewġ liri.

Prokuratur.

Min jaf kieku nilgħab nirbaħ ~~...~~ jien ukoll. Qaluli ~~li~~ (~~...~~) li jagħżu jiżfnu. Veru?

Surġent.

U ngħid. Qishom żewġ ballarini.

Prokuratur.

Imma Surġent jirbħu xejn nies bil-lotterija.

Surgent.

Iva mhux hajin. Dejjem jirbah xi hadd kull loghba.

Prokuratur.

~~M~~ Nipprova forsi nirbah jien ukoll. Li jisirghu kulhadd. Surgent wara li dawwaltli mohhi bl-informazzjoni li tajtni, jiena se nhassar l-ordni li tajt u b'hekk dawk iż-żewġt itfal jisirqhu jgħaddu.

Lazzru.

Fuq tieghu. ~~Papà~~ Papà se taghmel, papa?

Prokuratur.

Wara li sirt naf dak kollu li kien hemm bżonn li nkun naf fuq dawn it-tfal, ma stajtx inhallihom barra

Lazzru.

Ma papà, ma tafx li l-konti ma jridx....

Surgent.

Jaqtaghlu hliemu. U mbaghad lill-konti nkellmu jien.

Karlu.

Bravu Surgent, Ittallihiex tgħaddi tiegħu dak is-sepport.

Mario u Pierre jidħlu mill-kanċell għall-bitħa

Mario

Grazzi, grazzi, Sinjur. ~~Min ji~~

Min jisimgħana inkantaw!

Nizfnu bla ma niżbaljaw!

Pierre.

Is-sema tiegħaf miegħek, sinjur.

Jiħtu numru min irid,

Min se jirbaħ xi ftit gid?

Ikanta l-ewwel strofa ta' 'Little bo-biet,' Huh jakkumpanjah fuq il-mandolina.

Prokuratur.

Wara li jispiċċa l-kant, Iffal ferħana, fissru dan il-ferħ tagħkom kin iehor u issa rrispondu għal dawn il-mistoqsijiet irraqqain bl-għerf tiegħi. Issa intôm għalfejn ridtu tidħlu?

Mario.

Brieże nuru l-E.T. kemm inħobbuh.

Pierre.

Irridu nkantawlu u....... u... forsi...... u nitolbuh jiehu numru.

Prokuratur.

Bravi l-sterija? Anke jien irrid niehu numru.

Lazzru

Intomx tahsbu jewwilla li l-konti x'jilghab ma psatas bhalkom!

Mario.

~~Imur Jaqgħu.~~ Min hu psatas? Ahna psatas? Ara x'qed nghidlek li ghalavolja ~~iktar minni~~ int u t-tifel tal-prokuratur, intik xebba li tibqa tifkarha ghomrok kollu.

Lazzru mbajja jitrekken ma missieru.

Pierre

Bhal dih tas-sena li ghaddiet. Ergà sejhilna psatas jekk int b'sahhtek. Ara fejn baqa; mar jitrekken ma missieru.

Kullhadd jinfen jidhaq.

Lazzru

Papà, ma titkellimx?

Prokuratur

Issa ma nistgħux inqajmu nkwiet.... wahdu ....

għax irrid niehu numru. Kil-Lazzru. Jekk il-

kliem hu tad-deheb, is-skiet hu tad-djamanti.

Lazzru

Se timxi bil-qwiel ma'dawn in-nies?

Surgent.

Nies li-kieku int ma nsultajthomx na kienu

jagħmlulek xejn. Iftaħ għajnejk, iblah, għax

nagħthom tahbat hażin żgur.

## Is-Sitt Xena.

Kampena ↓

Jidħol Clermont, Rajel ta'xi sitta u tletin sena,

fuq tiegħu ħafna. Libes l-aħjar ilbies taż-

żminijiet.

Clermont.

Wasal l-E.T. il-konti.

Surgent.

Lis-Suldati. "Slope Arms......."

Jidhol il-konti. "Present Arms"....

Kulhadd inehhi l-kappell. Karlu u Lazzru jogoghdu fuq ix-xellug, Il-prokuratur fuq il-lemin, is-surgent hdejn l-ghassa tal-kancell u z-zewgt Ahwa f'rokna fil-fond tal-Palk. Il-konti u Clermont jitilghu fin-nofs.

Il-Konti.

Ragel mibrum, twil, u fuq tieghu. Ghandu ma' dwar il-hamsin. Liebes l-iswed jew xi lewn iehor skur.

Grazzi, grazzi, ghezież sudditi tieghi. ~~Ninsa~~ Ninsab tassew mibluh kif se nwiegeb ghad-demostrazzjonijiet li kelli fit-trieq.

Lis Surgent. Surgent, 'Stand at Ease.'

Surgent.

Slope Arms.......... Order Arms..... Stand at Ease.

Prokuratur.

Eċċellenza, jiena f'isem dan l-umli raħal, nifraħlek talli wasalt bis-sliema u nitolbok taċċetta ix-xewqat umli anzi umilissimi, iżda tajba tagħna. Eċċellenza, ikkmanda u tiġi minnufih obdut, urina xewqtek u aħna ngħodduha bħala liġi ~~sagrosanta~~. M'għandekx ħaġ'oħra. . . . . . . . . . .

Il-konti.

Biż-żejjed daqsekk. Sur Prokuratur ilqa ix-xewqat tajba tiegħi. Lil-Clermont. Kieku ma waqqaftux kien jibqa' sejjer s'għada fil-għodu.

Clermont.

Irridha ta' xi Oratur bħal Ciċero.

Il-Konti.

Lis-Surġent; imbissem. X'qed nara hemmekk? Is-Surġent jistaħba, eh?

Surġent.

~~Jer~~ Jersaq ~~Jersaq~~ il-quddiem. Jiena ma' nissugrax nersaq ħdejn l-E. T.

Il-Konti.

Forsi tibza li l-E. T. se toqtlok? Nghidlek is-sewwa, Surgent ghada qatt ma qatel lil-hadd.

Is-surgent jiehu r-ruh u jersaq ftit iehor 'il-quddiem

Hekk mela, m'hemmx ghalfejn tibza. Jiena u int ninsabu f'bahar wiehed, it-tnejn fl-armata. Jiena General u inti surgent, ūb'daqshekk allura m'ghandniex nghixu bhala ahwa taht l-armi? X'jidhirlek int Sur Prokuratur?

Prokuratur.

Dak kollu li l-E. T. joghgobha tghid ma jistax ikun mhux minnu meta tkun qed tghid is-sewwa. Jiena nhossni daqsxejn wahda konfus biex niggudika hsieb hekk gholi li johroġ mill-Eċċellenza tagħha, l-intelligenza ta' l-E-T.

Il-konti.

Ihares lejn Clermont u jidhqu t-tnejn.

Bravu, bravu. Qed nara li kull ma jghaddi ż-żmien qed taghmel progress. Il-genju li ghandek

biex taghmel l-ispeaches kull ma jmur qiegħed jissatħħaħ. Ibqa' sejjer hekk, u nweghdek li niehdok taghmel 'speach' fil-parlament ghall-laqgħa ta' sibt il-Karnival. Iħares lejn Clermont u jidħaq.

Prokuratur

Bla ma jinduna li qed jgħaddulu biż-żmien.
Eccellenza, jiena bhala servv umli tieghek nagħbez anke fin-nar biex nikkuntentak. Inħossni bil-wisq kburi li d-diskorsi studjati tieghi għogbu l-widna ta' l-E.T. U biex inkompli x-xewqa tieghek fuq il-Parlament, inħossni bhala qaddej bil-wisq umli tieghek, li nhejji ruħi ghal dan il-kbir unur mill-aħjar li nista' nista'.

Il-Konti.

Ma tistax taghmel aħjar. Lil Clermont.
Din dahqa bla ħsieb.

Clermont.

Dal-Prokuratur 'jibla' aktar mill-imżażen.

Il-Konti.

Il-Konti.

Issa Sur Prokuratur nixtieq nibqa nistrieh ftit. Nitlobkom thalluni ftit wahdi.

Il-Prokuratur.

Ikun maghmula ir-rieda tieghek, Eccellenza; Sinjuri rathala nitiraw! Qalbiena ghassiesa immarcjaw.

Mario.

Imur fuq il-konti isellimlu u bil-gieh kollu. Sur Konti: jekk inti thallina....

Piero.

Jaghmel bhal-Mario. Nixtiequ nkellmuk.

Il-Prokuratur.

Skandalizzat. B'liema wicc ja tfal minghula kellkom il-hila tavvicinaw l-E.T. il-Konti. Imur jaqbadhom min spallejhom. Barra, barra, ja zewg* islavaġ zghar.

Il-Konti.

Bil-mod, bil-mod, sur Prokuratur, xejn ma riehu gost narak iggib ruhek hazin ma min nilqa' gewwa

dari. Liż-żewġt Atwa. Ersqu 'l'Hawn tfal, minn fejn ~~Ersqu~~ intom?

Mario.

Aħna skoċċiżi.

Il-Konti.

Kif?! Intom Skoċċiżi??!! _ _

Prokuratur

Iva, Eċċellenza, dawn żewġ ħallelin tat tramuntana.

Pierre.

Skużi sinjur, għadna qatt ma sraqna xejn.

Il-Konti.

Kieku s-sur Prokuratur jaf li jiena Skoċċiż ukoll kieku kien jagħmel panigirku fuq l-Iskozja flok jgħajjarna ħallelin. Għiduli ftit għalfejn ġejtu hawn?

Mario

Nixtiequ nkellmuk, sur Konti.

Il-Konti.

Għiduli xi tridu uliedi

Pierre

Għax sur Konti, nixtiequ nkellmuk waħdek.

Il Konti

Isbaħ din, Lill-Prokuratur. ~~Mur~~ mur issa u hu b'għassa miegħek. Nixtieq li minn issa 'l-quddiem tagħmel kollox mingħajr kumplementi.

Il-Prokuratur.

La l-Eċċellenza tiegħek ma tridx ~~ma tridx~~ tiġi kkumplimentat, aħna nitilqu mingħajr ma nagħmlu ċ-ċerimonji li ħsibna nippreparawlek dawn l-aħħar sitt xhur. Jitilqu.

## Is-Seba' Xena.

Il-Konti, Clermont, Mario u Pierre.

Il-Konti

Għiduli issa għalfejn ridtu tiġġħu hawn.

Mario.

L-ewwel nett biex ingawdu ftit mumenti ma' sinjur tajjeb bħalek.

Pierre.

Biex nizfnulek żifna Skoċċiża.

Mario

Biex tismaghna nkantaw.

Pierre.

Biex nitolbok tiehu numru fil-lotterija taghna.

Il-Konti.

Biż-żejjed, biż-żejjed uliedi. Ninsab ghajjien hafna w m'ghandin qalb-il-loghob taghkom.

Mario.

Sinjur kieku kulhadd jghid bhalek kieku mmutu bil-ġuh.

Pierre.

Imsejknin Ahna!

Mario.

Hadd ma'jiġi jarana niżfnu.

Pierre

U hadd ma jilghab fil-lotterija taghna.

Mario.

Kieku, sur konti; hadd majtina habba u l-imsejkna

mamma taghna. - - -

Pierre.

Kieku l-mamma taghna zgur tmut.

Il-Konti.

Ommkom? U fejn hi gieda?

Mario.

Hallejniha f'lukanda fir-rahal ghax ma tiflahx

Il-Konti.

Qed jiddispjacini tassew! Johrog il-borza u jkun se jtihom il-flus. Hadu dawn il-flus.

Mario.

Af Ahfirli, sur konti; ahna nghixu bix-xoghol u mhux bil-karità.

Il-Konti.

Kif? Daqshekk fqar u ma tridux min jaghmel karità maghkom!

Pierre.

Ahna ridu min ikaddimna. Jitlob il-karità min irid jiekol minghajr ma jahdem. Ahna m'ahniex hekk.

Clermont.

U x'hinu x-xogħol tagħkom.

Mario.

Kif jisbaħ fil-għodu nqumu, nitolbu l'Alla jgħina, nitolbuh għal mamma twajba tagħna u li jbierek dawk kollha li jgħinuna. Kif nieħdu ftit kafè noħorġu flimkien, il-mamma, ~~[illegible]~~ hija u jien, u mmorru ħdejn xi suq jew f'xi raħal fejn ikun hemm xi fiera jew xi festa.

Pierre.

Mario jdoqq il-mandolina, jiena nkanta u l-mamma tħalla' l-lotterija.

Mario

U nerġgħu lura fil-għaxija, imħux ikollna ġuħ!

Il-Konti.

Lil Clermont. X'jidhirlek minn dawn iż-żewġt itfal.

Clermont.

Intelligentissmi u jidhru nġennin wara ommhom

Il-Konti

Liż-żewġt aħwa. Għidtuli ħafna xorti u għadkom m'għidtulix x'jisimkom u x'jagħmel missierkom.

Pierre

Jiena jisimni Pierre u ħija jismu Mario.

Mario

Missierna ilu ħafna li miet.

Il-Konti.

Imsejknin! Iżda afdaw f'Alla u Hu ma jinsikomx.

Mario.

Dejjem hekk tgħidilna l-mamma tagħna

Clermont.

Għandha raġun. Jidher li tħobbkom ħafna din il-mamma tagħkom. Tħobbuha xejn intkom?

Pierre

U tgħid inħobbuhiex!

Il-Konti.

Bravi, bravi. Ħobbuha lil ommkom għax f'lok Alla l-Imbierek. Jiena rrid insibilkom missier ieħor li jieħu ħsiebkom u ma jħallikomx tbatu..........

Nahseb li bil-ġuħ u għajjnin.

Mario.

Bil-ġuħ iva.

Pierre

Għajjnin le.

Konti.

Lil Clermont. Jekk jogħġbok ara ssibx lis-surġent?

(Clermont joħroġ). Imur f'nofsiż żewġt aħwa u jgħannaqhom

Għiduli ħaġa wieħdi, kemm il-sena għandkom?

Mario.

Jiena għalaqt tlettax il-sena.

Pierre

U jien se nagħlaq għaxra.

Jidħol Clermont mas-Surġent.

Il-Konti.

Grazzi Clermont. Lis-surġent. Surġent ħu dawn it-tfal ġol-Kastell u tihom jieklu.

Pierre u Mario jaqbdu id kull wieħed tal-Konti u jbusuha.

Mario.

Grazzi, grazzi Sur Konti, kemm se tifrah il-mamma meta nghidulha.

Pierre.

Sur Konti nistghu niehdu ftit ikel minn tieghek ghall mamma taghna?

Il-Konti.

Il-mamma taghkom mhiex se tbati. Ghidu lis-Surgent fejn isibha u mit-inti Surgent hudilha ikel sewwa. Morru Issa, uliedi.

Pierre u Mario.

Jistghu ibusu idejn il-Konti. Grazzi, Grazzi, sinjur. Johorgu mas-Surgent.

Il-Konti.

Morru, morru uliedi. Is-sema jieqaf maghkom! Clermont, imxi mmorru nistriehu ftit u nghidlek xi pjanijiet ghandi f'mohhi fuq dawn iz-zewgt ~~Akwa~~. Skwacciza.

Johorgu.

Purtiera.

# IT-TIENI ATT.

## X'jidher.

Sala fil-kastell tal-Konti Bieb fin-nofs u tnejn oħra fil-ġnub. Fir-rokna tal-lemin hemm sufan tal-ġild. Fir-rokna quddiemija tax-xellug hemm mejda tal-Kitba, quddiema pultruna tal-ġewż. Fuq il-mejda barra mill-ħwejjeġ meħtieġa għall-Kitba hemm żewġ gandlieri ta' bi tlieta. Fir-rokna quddiemija tal-lemin hemm pultruna tal-ġild taħbel mas-sufan. Pultruna oħra bħalha tinsab fir-rokna warranija tax-xellug. Fin-nofs hemm mixtuta fl-art ġilda ta' tigra. Fuqha tavolina. Kif tinfetaħ il-purtiera l-konti u Clermont jidhru jilagħbu ċ-"chess" fuq it-tavolina. Fuq bankitta baxxa ħdejn it-tavolina hemm gabarrè tal-ħġieġ, flixkun (decanter) mimli bl-imbit u żewġ tażżi.

L-Ewwel Xena.

Il-konti u Clermont jilagħbu i "chess."

Konti.

Wara ftit ħsieb fuq il-logħba jmexxi.

Ġibtni dari mal-ħajt, Clermont.

Clermont.

Jmexxi. Din mossa li kont għallimtni int, Eċċellenza.

Il-Konti.

Bravu, ħej, x'għamiltli. Immexxi fejn immexxi is-sultan għalik. Erbaħtili bil-għaqal. Sirt tilgħab mhux ħażin, Clermont. Iqum bil-mod, itaptap fuq spallejn Clermont, iferraħ tazza nbit u jnewwilhielu, iferraħ oħra għalih.

Clermont

~~Grx~~ Grazzi, Eċċellenza.

Il-Konti.

Rajthom xejn lil dawk iż-żewġt itfal?

Clermont

Kont ħdejhom qabel ma ġejt ħdejk

Il- Konti

Xi jgħidu fuqi?

Clermont

Bagħtu ftit u xejn nifsenla kif ilqajthom. M'hemmx bżonn jitolbu s-sema jbierkek. Hagà wahda qegħda ittabba' l-ferħ tagħhom bħal ma shab iswed itabba' x-xemx. Din hija li jinħtiegu l-ommhom magħhom. Iż-żgħir talabni biex inħallieh imur italla' l-lotterija. Jiena għidtlu li inti ma tħallihx.

Il-Konti.

Sewwa għamilt, jiena nrid inbiddel ix-xorti ta' dawk it-tfal, però qabel irrid ngħammillhom prova żgħira. Irrid nara jekk il-ġid jirbaħx fuq l-imħabba li għandhom lejn ommhom.

Clermont

Ista' tibqa' żgur li jiċħdu l-ġid jekk tifridhom minn ommhom

Il-konti.

Minn fommok l'Alla, Clermont, nisthajlek tistaqsini x'inhu li jġagħlni nagħmel dan. Għandek tkun taf li jiena twelidt fqir u

t-titoli u l-flus li għandi għajthom bl-għaraq ta' xbini u bid-demm li xerridt għall-art twelidi. Meta sifirt l-ewwel darba mill-Iskozja ħallejt lil ħija iż-żgħir, għadu tifel u' l-ommi; u ma smajt xejn fuqhom għal-żmien twil. Kont naf minn xi ħbieb tiegħi li ommi mietet iżda fuq ħija ma smajt xejn. Meta wasalt l-Ingliterra, wara li kont ili nieqes ħmistax il-sena, mort l-Iskozja biex nara nsibux, iżda b'niket kbir tiegħi sirt naf li kien miet. Qaluli wkoll li ħija kien iżżewweġ u li kellu żewġt itfal. Għamilt kemm stajt biex insibhom. Kollox safa fix-xejn. Ngħidlek is-sewwa Clermont, qtajt ġieni għall-kollox. Joqgħod bil-qegħda hosbien.

Clermont

Forsi għad issibhom, Eċċellenza.

Il-Konti.

Qed tara Clermont, kulħadd għandu salib f'did dinja. Jiena, konti, miżmum fuq wiċċ l-idejn fil-qorti tas-Sultana, ngħum fil-ġid, iżda

m'għandi l-ħadd min jiġi minni, m'għandi l-ħadd li jiret dan il-ġid li sa nħalli wara mewti. Ma tistgħagibx mela, jekk ngħidlek li rrid inżomm dawk iż-żewġt itfal bħala uliedi. Iżda qabel ma ntarrfilhom ħsibijieti tiegħi irrid nara x'inhuma sewwa.

Clermont.

S. Sema tbierkek, Eċċellenza, għall-qalb tajba li għandek. X'inhuma l-provi li trid tagħmel lil dawk it-tfal?

Il-Konti.

Insejtilhom wieħed wieħed, u mingħajr ma wieħed ma jkun jaf x'għadda mill-ieħor, nwegħdhom ħafna ġid jekk jibqgħu jgħixu miegħi u jinfirdu minn ommhom u minn xulxin. Hekk inkun naf jekk l-imħabba għall-għana tiżboqx l-imħabba lejn ommhom. Naf li dan il-prova hija dagsxejn waħda iebsa, iżda kull ma se nagħmel kollu għall-ġid tagħhom.

Clermont

Ketta fi hsiebek tibda?

Il-Konti.

Issa stess, nibdew bil-~~[illegible]~~ żgħir. Issa Clermont għandi bżonn l-għajnuna tiegħek. Mur sejjaħ lil Pierre. Oqgħod attent li hux ma jkunx jaf li qiegħed miegħi.

Clermont.

~~Kalli~~ f'idejja. Jitlaq. Kif jasal ħdejn il-bieb jieqaf. X'kumbinazzjoni ġej hawn.

Il-Konti.

Sewwa wisq. Mur ara kif se żżomm lill-ieħor biex ma jinduna x li qiegħed hux.

## It-tieni Xena.

Jidħol Pierre u jibqa.

Clermont.

Għaddi Pierre, għaddi. Ġejt hin tajjeb. Is-sur Konti jistieq ikellmek.

Pierre.

Tassew, Eċċellenza!

Il-Konti.

Iva, Pierre, nixtieq inkellmek għalik waħdek.

Pierre.

Għalija waħdi?! Sur Konti jien ma jisthoqqlix dan.

Clermont.

Għaliex qed tibża, Pierre? Ersaq l'hawn.

Pierre

Ma nissugrax.

Clermont

U għaliex?

Pierre

Għax jien fqir u s-Sur Konti sinjur kbir.

Il-Konti.

X'għandu x'jaqsam il-faqar u l-għana, issa?

Pierre.

Għandu, Sur Konti. Għax jien ma nafx kif għandi ngib ruħi mas-sinjuri u nibża li noffendik.

Il-Konti.

Imur fuqu, ighannqu u jtallghu 'l-quddiem.

Tibza' xejn, qalbi, m'intix se toffendini. Taf meta toffendini, ma taghmilx dak li nixtieq. Oqghod bil-qeghda. Il-konti jeghmez lil Clermont u dan jitlaq. Hekk ahjar. Ismaghni Pierre, taf li inti fqajjar, minghajr missier, ommok marida, la ghandek hbieb u l-anqas min jaqbez ghalik; ghalhekk nixtieq li naqbez ghalik jiena. Nixtieq naghmillek il-gid.

Pierre

Ibaxxi rasu. Misthi. Grazzi, Grazzi hafna Sur konti.

Il- Konti.

Ghalien qed tisthi? Isa, isa gholli rasek u hallik mill-misthija. Ghidli, Pierino, x'hini l-aktar haga li tixtieq?

Pierre.

Imhawwad. X'nixtieq.... X'nixtieq?.... Ma nixtieq xejn, Sur Konti.

Konti

Ma tixtieq xejn? Ah Pierre, issa ghedt gidba kbira.

Pierre.

Gidba!! Ahfirli Eccellenza jekk għdibt tassew.

Konti.

Kollox sewwa, nahfirlek, izda rridek tghidli x'tixtieq.

Pierre.

Imma, Sur Konti, jekk li nixtieq ma jkunx jghogbok?

Il-Konti.

Inwegħdek li nagħtik dak kollu li titlob.

Pierre

Nixtieq li— . . . .

Il-Konti.

Ghidli, xi trid?

Pierre

Trid— . . . Imma jekk inkun irrid hafna, hafna?

Il-Konti.

Ma jimpurtax— thallem.

Pierre

Nistieq li timpjegani mieghek u ttini paga bizzejjed li ommi majkollhiex tmur tahdem hi wkoll.

Il-Konti.

Tajjeb, intik flus kemm trid.

Pierre

Le, sur konti; if-flus ma nohodhomx.

Il-Konti.

Mela xi trid tiehu jekk ma tiehux il-flus?

Pierre

Jien nistieqek thaddimni mieghek. Flus ta' xejn ma rridx.

Konti

Tajjeb mela. Intik impjieg fil-Kastell tieghi u nhallsok paga bizzejjed biex izzomm lil ommok ta' sinjura zghira.

Pierre

*Jinzel ghar-rkuptejh u jbuslu idu.* ~~Grazzi~~ Ah sur Konti grazzi, Grazzi b'qalbi kollha. Kemm tifrah il-mamma meta nghidilha.

Il-Konti.

Iqajma. Se nghidlek però, li biex tieqfu dan l-impjig hemm bżonn toqghod ghall-Kundizzjoni li sa naghmillek

Pierre

Noqghod anki ghal mija.

Konti.

Le, le wahda biss, Din hija li toqghod hawn fil-Kastell.

Pierre

Bill-qalb kolla, sur Konti. Jiġu ommi u hija Mario wkoll. Hekk almenu jkollna dar fejn noqoghdu.

Il-Konti.

Lil-ommok u lil huk ma nistax inżallihom joqoghdu hawn mieghek.

Pierre.

Imnikket. Le?

Konti

Le, ma nistax ikun. Id-dmirijiet li se jkollok,

jitolbu li ma tkunx tista' tarhom hlief darba fil-giemgha biss.

Pierre

Ma tistax tirranġa biex - - - - - - - .

Konti

Ma jistax ikun. Lil Ommok u lil huk nitmagħhom u nżommhom ta' sinjuri, imma ma jistax ikun li nilqagħhom fil-kastell tiegħi.

Pierre

L-anqas ma tħallini wara x-xogħol immur hdejhom.

Konti.

Ma jistax ikun.

Pierre

J'dan il-każ ma jistax ikun li nibqa' miegħek mingħajr ma nara l-mamma u lil ħija. Jien ma noqgħodx mingħajr ma nselmilhom fil-għodu u jien ma norqodx mingħajr ma' nismà 'l ommi tberikni fil-għaxija.

Konti.

Allura trid titlef dan ic-chance, li ssir sinjur

inti u tagħmel sinjuri 'l-ommok u 'l-ħuk?

Pierre.

~~Ah~~ Sinjur, x'jiswa il-flus kollha tad-dinja

ħdejn l-imħabba ta' ommi u ~~l~~-qalb tajba ta'

ħija. U mbagħad Eċċellenza min jaf xi tgħid

l-imsejkna ommi meta tara li tista taran

darba fil-gimgħa biss? Min se jikkunslha?

Min se jieħu kura tagħha?

Konti.

Ikun hemm ħuk Marjo.

Pierre.

U inti taħseb, Eċċellenza, li se nibdel l-hena

li nħoss meta nkun ħdejn ommi mal-flus?

Le, qatt, Eċċellenza nibża li s-sema tikkastigani

Konti.

Watdu

~~Watdu~~. X'imħabba lejn ommu; xi kliewa

ta' tifel. Lil-~~Pt~~ Pierre. Sewwa ibni, qed togħgobni

tassew, imma issa ommok marida u jekk

ma jkolliex flus bizzejjed, tmut. Allura trid ittelliefha chance li tfieq?

Pierre.

Le, sur Konti, biex tkun tista' tfieq natdem minn x'hin jisbah sa ma jidlam, u kapaci nbati anke sakemm ma niflahx niegaf fuq saqajja. Dan naghmlu b'qalbi kollha ghax naf li meta mmur id-dar insib lil ommi tistennieni b'dik it-tbissima li terga tatini s-saħħa.

Konti.

Allura tippreferixxi din id-dbatija ghal-dak il-ftit li jkollok x'taghmel fil-palazz tieghi?

Pierre.

Iva basta nara lil ommi u lil tija kuljum.

Il-Konti.

Tibqa ~~[illegible]~~ rasek-iebsa Pierre?

Pierre.

b'rasa basra u b'qalbu maqsuma. Jien jekk ma narax lil-ommi u lil tija ma naqghod

imkien.

Konti.

Taparsi Fastidjut. Hares lawn Pierino, jiena ridt nghammillek kafna gid; ridt naghmel lil ommok sinjura, ridt nehles lil kik minn kafna tbatija u inti kont supperv miegħi. Tlabtek haġa waħda biss u inti ma ridtx tatijieli. Nghidlek is-sewwa, Pierino, kif rajtek ħsibt li inti bil-wisq iktar tajjeb min hekk.

Pierre

Jaqbad id-il-konti u għaskupotejh ighid imbikki. Nitolbok sinjur toffendisx ruhek. Jiena nirringrazjak b'qalbi kollha. Inti tlabtni haġa iebsa wisq. Itlobni haġa oħra kaddimni sakemm naqa' fl-art bil-għeja u jien nobdik bil-ferħ, imma nitolbok bil-ħniena tifridni qatt minn ommi.

Konti

Pierre!

Pierre

Tirrabjan miegħi sur Konti għax tbeżżani. Alla jaf x'biża' għandi fuqi għax ħadt għalik. Imma jiena Eċċellenza kull ma tlabtek hu li ~~xx~~ naħdem għall-ommi u li nibqa dejjem magħha.

Konti.

Għadek trid twebbes rasek?

Pierre

Lil-ommi ma nħalliha qatt! Nitolbok taħfirli sur konti imma lil-ommi ma nħalliha qatt, qatt.

I kun sejjer. F

Konti

Pierino, isma' 'l-hawn, qabel tmur irrid ħaġa oħra minn għandek. Għal ċerti raġunijiet li nafhom jien biss ma rridek tgħid lil-ħadd fuqhiex kellimtek. Ifhimtni, lil-ħadd lanqas lil ommok u l-anqas lil-tifla.

Pierre

Nippromettilek li ma niftaħ qalbi ma ħadd. Qabel immur nixtieq ngħidlek ħaġa.

Konti.

Għidli ibni, għidli.

Pierre.

Jiddispjaċini li għidtlek le, Eċċellenza, wara li kont tant twajjeb miegħi, imma jien inħobb lil ommi u lil ħija aktar milli nħobb l-għana. Is-sema jħierkek Eċċellenza.

*Joħroġ qajl, qajl b'rasu baxxuta. Il-konti mbissem jibqa' jħares lejh. Wara li joħroġ iċempel qampiena u jitfaċċa s-surġent. Issellem u jibqa wieqaf fil-fond tal-palk.*

Il-Konti.

Surġent għadu hemm ħareġ il-kbir (iż-żgħir) fost dawk iż-żewġt itfal Skoċċiżi, mur żommu miegħek u wara li ma tħallehx jira lil-ħuh iż-żgħir (il-kbir). Ista tmur. *Is-surġent isellem u joħroġ.*

## It-tielet Xena.

*Jidħol Clermont.*

Clermont.

Smajt il-qampiena, Eċċellenza u ħsibtek trid lili

Il-konti.

Le, Clermont. Sejjaħt lis-Surġent biex jieħu ħsieb Pierino. Iġferrah żewġ tazzi nbid, jati waħda minnhom lil Clermont.

Clermont.

Hadt lil Mario fl-Armerija biex ma jinduna, li kuh qiegħed miegħek. Trid tara x'għors għamel. Qabad tarki u xwabel u tapari qed jiddwella mal-kavalieri li kee hemm imwaħla mal-ħajt. Kienet tassew xalata għalih. Riedni nfissirlu x'jgħamlu biha din x'jagħmlu bih dan, min kien jiġġieled b'dik ix-xabla u min hu dak il-gwerrier, insomma ħadli rasi.

Il-konti.

Jinfex jidħak. U jien kilt ilsieni ma l-ieħor. Ma ried jisma' b'xejn jekk ma jkollux 'l-ommu u 'l-kuh miegħu.

Clermont

Veru żewġt itfal ithobbu l-ommhom.

Il-konti.

Ixxewwtjata dik l-omm.

Clermont.

U issa Alla ppremjhom li laqqaghthom mieghek.

Il-konti.

Ghid ahjar ippremja lili, Clermont. Issa ejja morru narawx x'naghmlu ma' l-iehor. Jitkompli.

# Ir-Raba' xena.

Jidhlu Gorġ u Pierre.

Surġent.

Kif ghadek bil-buli. U hallina minnek. Ejja 'l hawn ftit iehor - issa issa ftit iehor. Ara daqsxejn, ara daqsxejn x'jibża. Jiena darba kont papà nhemmx ghaffejn tibża minni. Imien qilu kelli tifel bhalek, kien jismu Gorġ - Gorġ. Iż-żghir kont insejjahlu. Rabbejtu ta' suldat u miet ~~fil-kamp~~ meta kellu ghoxrin

sena fil-kamp tal-battalja. Ejja ħtir ħdejja ħalli niftakar ħtir f'Ġorġ iż-żgħir.

Pierre.

Għidli fejnhu ħija. Irrid lil ħija. Jgħajjat

Mario, .. Mario, .. Mar.....

Is-surġent ipoġġilu idejh ħelu ħelu fuq ħalqu.

Is-Surġent.

Sxxxx..... Tagħilx frattarija għax il-konti daħal jorqod u jekk tajmu jagħflek fil-kantina.

Pierre

Fejn hu ħija? Irridu mmorru għand il-Mamma. Min jaf kemm qed tinkwieta ruħha fuqna.

Is-Surġent.

Għoqla ta' qalbi, il-Konti, bagħad lili stess għand il-Mamma tiegħek b'ħafna ikel tajjeb u qaltilha biex ma tieħux ħsiebkom, għax qegħden fil-Palazz ~~tiegħek~~ tiegħom. Kieku taf kemm ferħet!

Pierre.

Waħda. Imsejkna mamma tiegħi — Kieku l-konti jitlobni ħaġa oħra kemm kont tifraħ aktar.

Lis-Surgent. Ma tridx tgħidli fejn hu ħija?
Kollox sewwa mela-ħa mmur infitxu jien.
Is-Surgent jżommu.

Surgent

Oqgħod kwiet, oqgħod kwiet, ara jekk tqajjem il-konti, naqflek fil-kantina. Hekk bravu, ara terġa' titbellah. M'hawnx għalik qiesek raġel żgħir. Imxi mmorru fil-ġnien u noqgħod nirrakkuntalek xi ltqajt miegħu kemm ili niggwerra taħt il-konti ta' Lizarhead.
Johorġu.

## Il-Ħames Xena.

Jidħlu il-Prokurator u ibnu Ħeżżen.

Prokurator.

Issa ibni oqgħod attent ħafna kif iġġib ruħek mal-konti. Ftakar li żball minn tiegħek jista' jfisser li ttellifli l-inkarigu ta' Prokurator. Ftakar ukoll li jiena qed indeffsek hawn fil-kastell biex wara mewti tkun tista'

tilfaq prokuratur ikt.

Lazzru.

Kieku smajt minni, papà u ma hallejtx lil dawk iż-żewġt itfal jidħlu, kieku forsi qiegħed jien mistieden ~~tal~~-tal-konti.

Il-Prokuratur

U żewġt itfal injuranti x'jistgħu jagħmlu hdejn il-għaqal tiegħek!

Lazzru

Min jaf, papà, kieku ngħidu lis-surgent iwaddabhom il-barra baxx baxx?

Prokuratur.

Idea famuża! Qatt ma kont naħseb li kont kapaċi taħseb hekk fil-fond. Imma .... imma s-surġent ikun irid xi haġa f'butu tal-biċċa xogħol.

Jidħol il-konti Clermont u Mario. Kif jara l-Prokuratur jieqaf. Jagħmel sinjal lil Clemont. Dawn jidħol ġewwa mat-tifel u l-konti jibqa' tiela.

Il-Konti.

Sur Prokuratur x'għbek hawn fil-kamra privata tal-Konti.

Prokuratur.

Maħsud u misħut għall-aħħar. Aħfirli Eċċellenza, jien ġejt hawn biex inti tara lil ċioè nitkellmek biex nara kif trid li jitmexxew iċ-ċerimonja ta' l-ikel. Jiena ffit ir-ruħ. Aħna Eċċellenza nixtiequ li nagħmlu dak kollu li nistgħu, biex naqduk. Jiġi, Eċċellenza darba fis-sena fir-raħal tagħna w ir-raħħala fl-imkien mal-kbar tagħhom dejjem riedu, — — —

Il-Konti.

Nien għalija, sur Prokuratur, ġejt tara x'irrid għall ikel. L-ordnijiet lil-kok tajthomlu diġa u l-ordnijiet tiegħek huma li jien irrid nippranza għalija waħdi u li ma nridx niġi|ddisturbat minn ħadd.

Il-Prokuratur.

Għandek bżonn xi ħaġa oħra, Eċċellenza?

Il-konti.

Hejn, hlief li-thallini wahdi u ma tigix hawn jekk ma tkunx imsejjah.

Il-Prokuratur u ibnu jitilqu kwiti, kwiti. Il-konti jmur hdejn il-bieb tan-nofs, ighajjat lil Clermont. Wara ftit dan jidhol ma' Mario.

# Is-Sitt Xena.

Il-konti

Allura Mario ghidtli li trid issir suldat.

Mario

Iva Sur General.

Il-konti.

Tajjeb wisq! Jiena nghalmek u jekk toqghod attent meta tikber naghmlek kaptan.

Mario.

~~Isellimlu~~ bhal militar. Grazzi Sur General.

Il-konti.

Mela meta nkun se nitlaq, niehdok mieghi biex tibda

titghallem. M'ghandek ghalfejn tikkonfondi xejn, tieko tajjet, tibda taghmilha mat-tfal tan-nobbli u tkun tista' tara lir-Regina spiss.

Mario.

Addio fagar, ~~Addio~~ [illegible]ja, Addio gUh. Halli mmur nghid lil mamma tlesti ruhha ghall vjagg. Ikun sejjer jigri.

Clermont.

Izommu. Fejn sejjer?.

Il-konti

Stenna ftit. S'issa ghedtli xi trid inti, u issa jmiss lili nghidlek xi rrid minnek.

Mario.

Ghidli Eccellenza, jiena nobdik f'kollox.

Il-konti.

Bies thun tista' tmur fejn se niehdok jiena, hemm bzonn li tigi wahdek biss.

Mario

U l-mamma? U hija?

Il-konti.

Lil-ommok nitlu ksiebha jiena. Ibqa' zgur li ma tbatisx. Lil tuk nimpjegah hawn fil-kastell. Mario jbaxxi rasu u jibqa' hosbien.

Clermont.

Isa Mario ara x'se tghidlu lil-Konti.

Mario

Allura ommi u tija ma jigux mieghi? Ma nkunx nista 'nara-hom?

Il-konti.

Ma tkunx tista' Mario.

Mario jibqa b'rasu baxxuta hosbien.

Trid tigi Mario?

Mario

Jerfa' rasu b'salt u deciz ighid. Le.

Clermont

Titbellaha Mario. Jekk tmur ghandek ic-chance li gurnata ghad tkun Konti inti ukoll.

Mario

Le.

Il-Konti.

Ahset ftit hema xorti sejkollok! Hawn hafna tfal, uliedi in-nies kbar, li jixtiequ jkollhom chance bhal dan.

Mario.

Gib lil Mamma u l-hija u nigi jien ukoll.

Il-Konti.

Diga ghidtlek li lil ommok u l-huk niehu ksiebhom jien.

Clermont.

Jekk tghid iva, huma jkunu sinjuri.

Mario.

Diga ghidt le u meta nghid le ifisser le.

Il-Konti.

Mario, meta xtaqt xi kaga dejjem kont obdut u l-lum offrejtlek biex naghmlek sinjur u inti bil-wicci tost kollu issupperojajt mieghi. Issa jien tobdini bis-sewwa jew ingghalek tobdini bil-fors.

Mario

Langas jekk iġġib is-suldati kollha tiegħek ma jirnexxilhom jifirduni minnommi.

Clermont.

Mario! Itolbu skuża lis-sur Konti. Itakar kemm għamillek ġid.

Mario.

Mistħi. Aħfirli ~~sur~~ Eċċellenza.

Il-konti.

Li għollejt lehnek miegħi naħfirlek imma li ma tridx tobdi ma naħfirlek qatt. Lil Clermont.

Ta' din l-imħabba li għandhom lejn ommhom se nippremjhom. Ibi ħsiebni nżommhom fl-imkien ma' ommhom f'dan il-kastell. Hu ħsiebu inti Clermont.

Joħroġ.

# Is-Seba' Dena.

Mario

Iss hej, iddaħħaqni dal-konti tagħkom, imdni bil-

fors ninfired minn ommi biex nobdik

Clemont.

Eh huwa s-sid hawnhekk u għandu d-dritt li
jiġi obdut f'kull ma ~~ro~~ jegħid. Issa ħaġa oħra:
irridek tipprometteli li ma tgħid lil ħadd
x'irridek tagħmel.

Mario.

Kollox sewwa nipprometilek.

Clemont.

Inxi ntik tiekol xi ħaġa.

Mario.

Grazzi, ~~nifdak~~ miliz wisq li ~~kilt~~ kilt. Irrid insibil
ħija biex immorru

Clemont.

Ejjoghdu nilgħabu. lil ħuk m'għandekx
permess tarah.

Mario.

Kif na nistax nara 'l ħija? Jitlaq jiġri
għall bieb. Clemont iżommu.

Clermont.

Isma' minni, imxi miegħi; ara kemm ahna tbieb se titlef kollox.

Mario

Le marrida niġi miegħek; irrid lil hija. — Pierre, Pierre, Pierino irrispondini. Pierre.

Clermont.

Għaloxejn qed tgħajjat tuk 'il-bogħod minn hawn.

Mario.

Pierre, — Pierre, — Pierrino.

Pierre.

Minn Ġewwa. Mario, fejn int.?

Mario.

Semagħni — Pierre ejja ehlisni. Is-sur Clermont ma jrida itallini niġi hdejk.

Pierre.

Ma nistax Mario, għandi is-Surġent ta'l-għassa qed iżommni.

Mario.

Aħrablu Pierre, aħrablu u minn hawn ġirja waħda għal għand il-Mamma.

Pierre.

Arani ġej ħdejk. *Jidħol jimbotta s-Surġent.*

Surġent.

Bil-mod, bil-mod ara se twaqqani fl-art – ~~Żomm Żomm – mhux hekk – Ara kif qatgħali nifsi –~~ Issa ma jmisseka tistħi niġi nannuk tagħmilli hekk. *Pierre jimbotta lis-surġent. Mario jisgiċċa minn idejn Clermont u jmorru jiġru għal fuq xulxin.*

Pierre.

Mario – indu jifirduna –

Mario.

Qatt Pierre – Nibqgħu fl-imkien

*Jitgħanqu. Clermont u s-surġent iħarsu lejhom mill-fond.*

– – –

Purtiera.

# IT-TIELET ATT.

Il-Palk Armat bħal fl-ewwel Att.

## L-Ewwel Xena.

Wara ftit li tinfetaħ il-Purtiera jidħol Mario inkiss inkiss.

Mario.

Dak il-kattiv ta' Konti għalaqni go kamra mingħajr ma għamiltlu xejn. Dan kollu għax kellimt lil ħija. Jiena ħrabt _ qlajt is-serratura bit-temprin u ħrabt mingħajr ħadd ma rani. Min jaf ħija Pierre x'sar minnu? Kieku naf fejn hu!

Imur ~~Aji~~ iħares lejn in-naħħa tal-lemin.

F'waħda minn dawk il-kmamar qiegħed. Min jaf jekk ngħajjatlu jismanix? Pierre - Pierre.

Wara ftit. Semgħani - Pierre jien ħrabtilhom - aħrab. Tridx inwaddablek it-temprin u taqla' s-serratura?

Pierre.

Minn Ġewwa. Ma nistax. Il-Bieb jinqafel minn barra

Mario.

Aqbeż, Pierre, u naħarbu.

Pierre.

Daqs kemm hawn għoli.

Mario.

Mela inżel mal-ħajt. Tista' tqabbad, ara l-ħajt kif inhu. B'qalbu ttaqtaq. Oqgħod attent Pierre — bilmod ara tiżloq — iktar lil hemm — sewwa żomm magħha — Marija Santissima Għinu — isa Pierre ftit iehor — Bravu.

Pierre jidħol jiġri. Mario jaqbdu minn idu u jiġbdu għall-Kastell.

Pierre

Fejn sejjer?

Mario

'Il-Barra.

Pierre

Mhux mill kancell għax ningabdu.

Mario.

Mela minn fejn? Pierre kieku jkun jaf il-konti li ħrabna jibgħat jarrestana bil-Mamma b'skolla.

Pierre.

Le, is-sur konti mhuwiex qalbu ħażina daqshekk.

Mario.

Mela mhuwiex. Aqta' x'riedni nagħmel. Riedni — riedni — — — eh bil-ħaqq ma jridnix ngħid.

Pierre.

Anke lili riedni ~~inti~~ — — — — Ma nistax ngħidlek għax tajtu kelma li ma ngħid lill-ħadd.

Mario.

Imma jien nista 'naħseb x'riedek tagħmel. Riedek tħalli l-Mamma u lili; hux veru hi?

Pierre.

U lilek riedek tagħmel l-istess; hux tassew?

Mario

Iva.

Pierre.

Ied tara sirna nafu x'~~xx~~ ried minna l-konti, minghajr ma ksirna l-kelma li tajnieh.

Mario.

Ghadx ma jafx il-konti li 'l-mamma ma nhallulha qatt.

Pierre.

Ara meta mmorru ndejha ma nghidulha xejn ghax ninkwetawha.

Mario.

Nahrbu Pierre. Nitilghu mar-ristellu u niġru 'l-barra kemm nifilhu.

Pierre

~~A~~ Le, minn kemm ninqabdu. Ejja nahrbu mill-ġonna. Minn hawn żgur hadd ma jarana.

Mario.

~~A~~ Immorru ndejn il-Bieb tal-ġnien. Il-Bieb maghluq. Tibzax ghandi temprin; nippruvaw naqalghu s-serratura. Jipprova jaqlaghha. Kemm hi mwahhla tajba din.

Pietru.

Jiehu t-tempxin min id-hah. Ara nipprova ftit jien.

Mario.

Naghtu skoss it-tnejn fl-imkien, ara qed iccedi ftit.

Kif ikunu mhedijin jidhlu l-Prokuratur is-Surgent, Lazzru u Karlu, is-suldati u s-servi tal-Konti. Dawn jibqghu iharsu minghajr ma jkellmuhom.

Il-Prokuratur.

Lil-shabu. Rajtu, Rajtu, se jaharbu wara li l-konti ttrathom ~~ta~~ tant tajjeb.

Lazzru

Papà arresthom dawk zgur serqu xi haga. Wasal iz-zmien biex inpattilhom tas-sena l-ohra.

Karlu.

Kemm iddum izzomm f'qalbek Lazzru!

Lazzru

X'jidhirlek miz-zewgt ihbieb tieghek, Karlu?

Il-Prokuratur.

Ej, Ej, hallikom mill-hmerijiet ulied.

Is-surgent.

Kemm huma b'sahhithom, Allajbierek.

Karlu.

Sajjsi' lil Lazzru ghadu jiftakar tas-sena l-ohra.

Lazzru.

Le jarga jibda papa'.

Il-Prokuratur.

Lil-Lazzru. Ibni oqghod bil-ghaqal, qed tohroġni ta' rediklu!

Rini.

Jinnesssilu jiftiah il-bieb. Mario nakarbu.

Il-Prokuratur.

Stennew ftit, sinjuri galantomi. Ili kwarta nhares lejkom. Qbadkom fil-fatt. Hè, Hè, minn jaf x'se jghid il-konti meta nghidlu li ż-żewġ mistednin tieghu riedu jaharbulu mill-bieb tal-ġnien. Ghiduli żewġ brikkuni żghar x'fettlilkom taharbu, eh?

Mario.

Mhux affari tieghek!

Prokuratur.

Eq, Eq. . . Laghmlu delitt bhal dan u tghidli li mhux affari tieghi! Dan delitt ikbar mill-iehor! Ma tafx sur brikkonellu li bi kliemek qed toffendi l-ufficcju kbir tieghi u qed toffendi lili, Prokuratur ta' dan ir-rahal. Ta' dan se thallsuha qares. Surgent arresthom.

Mario u Pierre jitghanqu mbezzghin.

Is-surgent.

Sur Prokuratur, kelma. Is-surgent u l-Prokuratur jitkelmu wahedom. Sur prokuratur, ahfirli ghax se nindahallek. Jekk narrestaw lil dawk iz-zewgt itfal nahbtu hazin ferm mal-Konti. Lili qalli hafna drabi biex nieħu hsiebhom u sa bghattni biex ingib lawn fil-kastell lil ommhom.

Il-Prokuratur.

Mistghageb. Iva?! Imma allura ~~x~~ isse se

naghmel? Qbadtlhom fid-delitt jiena stess. Le, Le, surġent hemm bżonnli naghmel id dmir tieghi.

Lazzru

Qed jibżghu issa. Papà żomm iebes. Ikkastighom tajjeb tajjeb.

Pierre

Ahna ma sraqna xejn!

Mario.

Il-mamma dejjem tghidilna li m'ghandna mmissu qatt dak li mhux taghna.

Il-Prokuratur.

Il-fatt hu li min jahrab ikun ghamel xi haġa hażina li ma jridx jinqabad fiha. Qeghdin iddahhluli hafna suspetti.

Pierre.

Suspetti! xi trid tghid bika din il-kelma?

Lazzru.

M'hemmx ghalfejn nghidulek. Min jahrab ikun ghamel xi delitt qabel. Intom sraqtu lill-konti. Intom żewġ ~~hallat~~ hallelin!

Mario.

Jekk targa' tghid din il-kelma ghavolja ~~ighar~~ x-tifel tal-
~~minnek~~ ~~in farrahlek ghadnek~~ Prokuratur? inwahhalilek.

Lazzru

Jistahba mbezza' wara missieru. Papà, papà,

Karlu.

Jekk ~~S~~ thalli darb'ohra lil Lazzru jindahal nirrapurtak il-Konti talli hallejt min jindahhal fid-dmirijiet tieghek.

Il-Prokuratur imur ikellem lil ibnu.

Pierre

Grazzi, ~~S~~ Karlu. Jekk jerga' jghid ~~kelma ohra~~ nofs ta' kelma nfakkru ftit fis-sena l-ohra....

Il-Prokuratur.

Inkomplu, issa, inkomplu naraw dan il-kaz gravi.

Mario.

Ghidt li ahna hatjin ta' delitti kbar. Kollox sew ghid x'inhuma dawn id-delitti?

Il-Prokuratur.

S'issa ghadni ma nafx.

Pierr.

Ghidtilna hallelin. Ipprova, jekk int kapaci li sraqna ai haga. Jaqleb il-bwiet. Haara. Fittex biex tara kif m'ghandna xejn. Mario urih inti wkoll. Mario jaghmel l-istess.

ik

Il-Prokuratur.

Imur fuq Pierr, li marbuta ma spaga f'ghonqu ghandu borza mdendla. Din xinhi?

Pierr

Dik ma tistax tara x'fiha!

Mario

Il-Mamma ma tridna nuruha l-hadd.

Il-Prokuratur.

Irrid naf x'fiha?

Mario

Fiha ritratt ta' missieri.

Lazzru.

Lil missieru watdu. Hudilhom papà, hudilhom

bil-forz.

Il-Prokuratur.

Imur ß Pierre u bil-forza joħodlu l-borża. Jiftagħha u joħroġ ritratt. Hekk nagħmel ma' minn għandu rasu iebsa. Mistgħajeb X'qed nara. Ir-ritratt li għandu l-konti fil-kamra tiegħu! Dan kif ġie għandkom?

Mario.

Dak ir-ritratt ta' missieri; tatulna 'l mamma.

Lazzru.

Mhux veru dak sraqtuh! Rajtx kif kelli ragun Papà.

Il-Prokuratur.

Veru ibni. Il-ġenju ta' missierek qed jidher fik.

Pierre.

Le aħna ma sraqna xejn. Aħna nnoċenti. Jidħol il-konti u Clermont mingħajr ħadd ma jinduna bihom.

Il-Prokuratur

Issa l-fatti jgħoddu mhux il-kliem. Arrestawhom. Is-suldati jaqbdu lit-tfal. Dawn

jithabtu u ma jhalluhomx. Kaxkruhom lejn il-habs.

Lazzru.

~~Bravu~~ Papà, hekk ~~[illegible]~~ jixirqilhom.

<u>Xena tieni Xena</u>

Il-Konti.

Żommu. Għall-liema raġuni qed tagħmlu hekk lil dawk iż-żewġt itfal?

Clermont.

Kif, harbu?!

Il-Konti.

Sur Prokuratur irrispondi.

Il-Prokuratur.

Nirrispondi bien nobdik, Eċċellenza. Billi rajt u billi ibni Lazzru ra u billi s-Surġent ra u billi dawn in-nies kollha raw lil dawn iż-żewġt itfal Skoċċiżi li l-Eċċellenza tiegħek żammet mistidnin, jipprovaw jiskassaw il-bieb

li jatu għal-gonna ta' l-Eċċellenza Tiegħek bil-ħsieb waħdani li jaħarbu u billi jiena smajt u billi ibni-Lazzru sema' u billi dawn is-sinjuri semgħu lil dawn l-istess żewġt itfal jitkellmu kollhom arja u supperċja miegħi bniedem li ġejt ax fdat mill-Eċċellenza Tiegħek fl-inkarigu għoli ta' Prokuratur u fl-aħħar-nett billi sibt f'din il-borża, kif jistgħu jixdu ibni Lazzru, is-surġent, u dawn is-sinjuri dan ir-ritratt li rajt kemm-il darba fil-kamra tiegħek, jiena arrestajthom.

Il-Konti.

Tini ir-ritratt — Sema tal-ħniena, dar-ritratt ta' ħaja. Lit-Ġfal. Dar-ritratt kien fil-kamra tiegħi.

Mario.

Le, Eċċellenza.

Pierre.

Dak tatulna 'l-Mamma.

Il-Konti.

Se tibqgħu tgħidu le? Kif ġie f'idejkom dan ir-ritratt?

Pierre.

Tatulna l-mamma.

Lazzru.

Mhux veru, Eċċellenza dak serquh.

Il-Konti.

Biex nervi. Ma saqsejtx lilek biex tirrispondi inti! Jekk targa' tindaħal inwaddbek il-bara minn quddiemi. Lil Clermont waħdu. Għidli Clermont, taf jekk daħlux fil-kamra tiegħi?

Clermont.

Żgur li le.

Il-Konti.

Qed niskanta kif ġie f'idejhom. Ma riedux flus ta' xejn aħseb u ara kemm se jisirqu ritratti.

Clermont.

Ħalli mmur nara jekk ir-ritratt tiegħek għadux

fil-kamra tiegħek. Hekk inkunu nistgħu naraw il-verità. *Jitlaq.*

Il-Konti.

Sur Prokuratur nixtieq inkellem lil dawn it-tfal waħidhom. Għal issa ħalluna ftit waħidna; meta jkolli bżonnok insejjaħlek.

Il-~~Prof~~ Prokuratur.

Huwa dmir tiegħi li nobdik, Eċċellenza f'kollox.

*Il-Prokuratur u l-oħrajn isellmu u joħorġu.*

## It-tielet xena.

Il-Konti.

Araw issa qegħdin waħidna. Jiena nwegħdkom li jekk tgħiduli l-verità naħfrilkom u nħallikom tmorru għand il-mamma. Jekk tkomplu tigdbu nikkastigakom bl-aħrax.

Mario

Diġa għednilek il-verità, Sur Konti.

Pierre

~~Nahlieflek fuq il-mamma~~ lidak ir-ritratt tatulna hi. il mamma

Mario

Kont nahsbek, Eccellenza iktar bravu minn dak il-Tmar ta' Prokurator li ghandek.

Il-Konti.

Fuq tieghu. Ahjar f'lok tissupperoja lara kif se twigibni ghas-serq li ghamiltli.

Pierre.

Ahfirli Eccellenza, ahna la qatt sraqna u l-anqas insirqu.

Clermont.

Jidhol dahqan. Hekk hu r-ritratt li ghandek fil-kamra tieghek, Sur Konti. Hu perfettament bhal dak li sibna fuq it-Tfal.

Pierre.

Qed tara, Sur Konti, kif ahna innocenti?!

Mario.

Missa, sur general, ghadek tahseb li ahna hallelin!

Pierre

Lil-Mario. Tissuppervjax Mario. Ftakar li l-mamma tinkorla jekk tkun taf.

Il-Konti.

Liema kunbinazzjoni – Ma nafx x'se nibda nagħmel. Għiduli tfal ta' min hu dan ir-ritratt? Kif jiġie għandkom. Irrid naf minn intom ~~sewwa~~ sewwa.

Mario:

Sur Konti-issa la ndunajt li m'aħnieq hatjin, ħallina mmorru għand il-mamma?

Il-Konti.

Il-mamma tagħkom qegħda tistrieħ fil-kastell.

Pierre u Mario

Immorru jiġru għal fuq il-Konti jbusulu idejh.

Is-sema jbierkek sinjur.

Il-Konti.

Irrispondumi ulied, minn hu dan? Juri ir-ritratt.

Pierre

Dak huwa missieri.

Il-Konti.

M'għandkomx il-karti tal-ingħamudija fuqkom?

Pierre.

Iva qegħdin fil-borża fejn kien ir-ritratt.

Il-Konti.

Joħroġ żewġ karti mill-borża. Jaqra. Pierre* Lonino iben ta' Ġużeppi Lizardhead u Maria White. twieled -- ecc. Jaqra l-oħra. Mario Alfred iben ta' Ġużeppi Lizardhead u Maria White. twieled ecc. Sema tab ħniena! Sibt fl-aħħar xi ħadd li jiġi minni Clermont, dawn iż-żewġt itfal nħumiex ħadd ieħor ħlief in-neputijiet tiegħi. Dawn huma ulied ħija.

Clermont.

~~Pierre, Mario, ej~~ Nifraħ miegħek Eċċellenza.

Il-Konti.

Pierre, Mario, ejjew ħdejja. Ħalluni nangħqkom miegħi. Ili żmien twil nipprova nsibkom u l-lum intqajna b'kumbinazzjoni. Jiena huwa ż-żiju tagħkom. Jiena hu missierkom.

Piero.

Kemm hu hanin Alla li laqqana fl-imkien żi!

Mario.

Donni l-anqas irrid nemmen. Issa ma tifridniex mill-mamma, hux Zi!

Il-Konti.

Le uliedi, anzi nibqa' nghix maghkom jien ukoll. L-ewwel ridt nipprovakom; ~~x~~ ridt nara ~~kemm~~ kemm thobbu lil ommkom. Imxu mmorru nghidulha li l-konti ta' Lizardhead jiġi hu r-raġel tagħha! Johorġu

## Ir-Raba' Xena.

Il-Prokuratur.

Jidhol Sodisfatt. Almenu ix-xoghol li ġili nipprepara kważi sitt xhur, ma sfax fix-xejn. Il-Konti qalli li baqa' milqut bid-dimostrazzjonijiet li sarulu fil-bieb tar-rahal. Dort bieb, bieb infihem u nghallem lil dawn in-nies sempliċi,

x'għandhom jgħamlu u dan l-aħħar xagħrejn konna morru nippruvawha, Ir-raħħala mqassma ma' dwar il-bieb u jien rieked it-tmara tiegħi tapparsi l-konti diehel il-Belt. Swietli xogħol u taħbit imma fl-aħħar irnexxa kollox "Labor omnia Vincit." U mbagħad fil-Palazz? Lejt sakti: Ridt nieħu ħsieb il-ħasil ta' l-art; it-tnaddif tat-twieqi; qabbadt min ineħħi l-anqbut li kien ingemgħa, u ġibt wieħed mill-belt jillostra l-mobbli. Kemm irsistejt? Ilsieni dejjem sejjer wara l-ħaddiema.... u wara kollox il-konti l-anqas stedenni biex niekol miegħu! — Imma ma jimpurtax l-aqwa li kien hawn kollox lest kif għandu jkun. Kollox mar ħarir. Haga qegħda tinkwetani ħafna. Fettilli ndaħħal dawk iż-żewġt it-tfal hawnhekk u biss ħadu l-post li kont ili lant nittama se jieħu Lazzru tiegħi imma serqu r-ritratt ta' hu l-konti. Dawk iż-żewġ banavolji sfrattaw kollox. Inqegħdhom jien żewġ kalleltin.

Hija wkhda niatiq; li l-konti itini permess nikkastighom jien!

Is-surgent.

*jidhol b'karta fidu.* Sur Prokuratur. Is-sur Konti bghatlek din.

Il-prokuratur.

*Jiftaghha.* Stedina ghaċ-ċena. *Jaqra.*

Sur Prokuratur,

L-Eċċellenza Tieghu jikkmandak biex thejji bir-rakhala biex jilqghu ufficcjalment iż-żewġ neputijiet tieghu, werrieta universali ta' gidu, artijiet u t-Titoli Tieghu

Clermont

F'isem il-Konti ta' Lizardhead.

*Mhawwad.* Kif? X'se naghmlu? Meta ġejjin in-neputijiet? Inkossni stordut ... Kuraġġ, kuraġġ, dehen immens ta' mohhi ahseb inti, O Retorika nerhi ruhi f'idejk biex naghmel diskors li jixraq b'Eċċellenza taghhom in-neputijiet. *Jippassiġġa-wara ftit.* Kien almenu missu qalli xi tlett schur

qabel bien ikolli zmien nipprepara ruhi! Mela hekk, ihalli kollox ghall-ahhar?

Is-Surġent.

Mela s-sur Konti ghandu n-neputijiet? Min ghalija m'ghandu 'l-hadd min jigi minnu?

Il-Prokuratur.

Halli nara, halli nara, li ma mmurx nitlef xi zball! ~~Jarġa' ja~~ Jarga' jaqra l-ittra. L-ittra cara "bien jilqghu ufficcjalment liz-zewġ neputijiet tieghu". Imgerfex. X'wahda din surġent tlifna nofs siegha nitkellmu u ghadna m'ghamilna xejn! Sejjah lis-suldati u lir-rahhala li tara qeddiemek u gibhom ~~hawn~~ hawn. Johroġ is-Surġent. Kif ghaddieli ~~daz-zmien~~ dal-hin kollu! Zammni bid-diskors is-surġent. Kemm ihobb ipacpac. Ma nafx ghaliex mieghi kulhadd ihobb jitlaq ilsienu. Jidhlu s-Surġent, is-suldati u r-rahhala, Lazzru u Karlu.

Is-Surġent.

Kien hawn erba' min-nies qed jitkellmu fil-

misrah quddiem il-palazz u gibthom hawn.

Il-Prokuratur.

Bravu, Bravu. Issa ka nfehmkom x'għandkom jagħmlu, Surgent għal din l-okkażżjoni solenni l-għassa ma nagħmluhiex bħas-soltu. Insibu xi ħaġa iktar kbira.

Is-Surgent.

Sur Prokuratur, nifirsu l-armata tar-raħal quddiem il-kastell u jiena noqgħod quddiemhom.

Il-Prokuratur.

Jaqbel wisq kuda postkom. Is-suldati joqogħdu ringiela s-surgent quddiem. Intom raħħala maħbubin tal-maħbub raħal tagħna oqogħdu hawnhekk. Iqegħdhom quddiem it-tieqa li jagħti għall-ġonna. Attenti! Surgent Valorus, suldati, u raħħala, kunu afu illi l-lum sejra tkun waħda mill-akbar ġranet fl-istorja tar-Raħal tagħna. Għadni kemm irċevejt ittra minn għand E. T. il-konti fejn qalli li l-lum għandhom jiġu hawn jewġ neputijiet, werrieta universali tal-flus, ta' l-artijiet u tat-

titoli kollha ta' L-E.T. Applaws mir-raththala.
Ifirthu, nies twajba, ifirthu għax għandhkom bien. Imma qabel ħalluni nfehmkom x'għandhkom tagħmlu. Kif jitfacca l-konti qiesu li tilqugħ kif jisthoqqlu. Imbagħad meta jippreżenta lir-reputijiet tiegħu ~~tiegħu~~ nagħmlu dimostrazzjoni. Ma bagħaghlna nagħmlu xejn ħlief nisteńnew il-konti.

Il-Ħames Xena.

Jidħlu l-konti, u Clermont. Is-Suldati jagħmlu "present arms", is-surgent isellem, ir-raththala jċapċpu u jgħajtu "~~Viva~~" "Viva l-konti". Il-Prokuratur jagħmel inkin.

Il-konti.

Grazzi ħafna ta' din il-laqgħa. Ġibtkom hawn għax għandi xi ħaġa mpurtanti x'ngħidilkom. ~~Eżaminaj~~ Eżaminajt lil dawk it-tnejn li ġew akkużati bis-serq tar-ritratti u nixxieli nsib il-verità.

Lazzru.

Eċċellenza ndumajt li huma żewġ kalletin?

Il-konti.

Kemm se ndum ngħidlek li m'għandekx tindahal fejn ma jesakx?

Il-Prokurator.

Sur Konti nitlob mahfra jien għan-nuqqas ta' ibni. **Lil-Lazzru.** Inti isma' mingħajr ma titkellem

Il-konti.

Kemm afu mela li dawk iż-żewġ Skoċċiżi, gew ipprovati, bil-fatti, innoċenti.

Il-Prokurator.

Nieħu pjaċir, Eċċellenza, nisimgħu dan, ladarba gew ippreżvati nnoċenti, jidher ċar li r-ritratt ma serqux. Nistqarr illi din id-darba, b'entużjażmu li għandi lejn id-dmir, hażbalt ohxon.

Il-konti

Għalien irrid li tarau b'għajnejkom u tmissu b'idejkom din il-verità, kasu lejn dawn iż-żewġ

ritratti. Dan instab fuq dawk iz-zewgt itfal u dan kien fil-kamra tieghu fejn ilu s-snin.

Il-Prokuratur.

Mistghajeb. Jiehu ir-ritratti minn idejn il-Konti.

Skuzani, sur konti, jekk jien kurjuz iz-zejjed - x'kumbinazzjoni dan kif gie ghandhom?... eh hawn xi ras kbira mpinguta fuq dawn ir-ritratti..... tassew li ma tghaddi l-ebda differenza bejniethom --- perfettament l-isteso.

Lazzru.

Lil-Prokuratur. Pa, ghidlu li ppruvaw jaharbu.

Prokuratur.

Tindahala ibni, ikun ahjar, bil-haqq in-neputijiet.

Lil-Konti. Ahfirli Eccellenza, x'hin se jaslu l-Eccellenza taghhom in-neputijiet!

Clermont

Waslu dal-ghodu.

Prokuratur.

Grid ticcajta, sur Clermont! Ghandu jkun l-Eccellenza Tieghu qala' dil-bicca tan-neputijiet

biex jagħmel ċajta żgħira.

Il-Konti.

Le sur Prokuratur. Hawa ninnu li r-reputtijiet tiegħi waslu dal-għodu.

Il-Prokuratur.

Il-lum iktar ma ridt li nindunna b'kull ma jsir aktar qed jaħarbuli affarijiet importanti.

Clermont.

Is. Sur Konti jrid jippreżenthom lilkom biex tagħrfuhom bħala werrieta tiegħu.

Prokuratur.

L-Eċċellenza Tiegħu ikun obdut.

Il-Konti.

Clermont jekk jogħogbok ~~sej~~ sejħilhom hawn.

Clermont joħroġ.

## L-Aħħar Xena.

jidħlu Clermont, Pierre u Mario.

Il-konti.

Hekku n-neputijiet tiegħi!

Il-Prokuratur.

Mistgħajjeb ħafna. X'hinnu? Neputijiet ta' l-Eċċellenza Tiegħek? Kif qatt jista' jkun? Sewwa għidt l-Ewwel li għandek aptit tagħmel xi ċajta.

Il-Konti.

Serja. Diġa għidtlek le, sur Prokuratur. Kunu afu li dawk iż-żewġ ritratti jippreżentaw lil-ħija, li ilu mejjet xi ftit snin. Meta sibnielhom ir-ritratt dawn iż-żewġt itfal qalu li-r-ritratt kien ta' missierhom. Il-inkien mar-ritratt kellhom ukoll il-karti tal-Magħmudija li minnhom induna jt li dawn it-tnejn huma t-tfal ta' ħija. Itik il-Karti tal-Magħmudija. Sur Prokuratur, ara l-verità.

Il-Prokuratur.

Wara li jkun qara l-karti. Eċċellenza nitolbok taħfirli jekk xi emmintekx mill-Ewwel. Hallini nfissirlek il-ferħ li għna qegħdin inħossu meta

naraw il-grazzja li biha s-sema għogbu jippenja l-qalb tajba tiegħek. Lill-kontini, mhux biss ngħarfuhom bħala werrieta tiegħek, Eċċellenza, imma nwegħduhom ubbidjenza u fedeltà.

Idur fuq ir-raħħala.

Viva l-Konti — Viva l-Kontini.

Kulħadd

Viva l-Konti — Viva l-Kontini.

Il-Konti.

Nirringrazzjakom bil-qalb tal-festi tagħkom u bien nibqgħu niftakru aktar f'dan il-jum sabiħ għada nuduha vakanza pubblika. Liż-żewġt itfal. Kuntenti issa li sibtu liż-żijiu?

Preire.

Għandna tassew bien nirringrazzjaw 'l-Alla talli fik għogbu jatina t-tieni missier!

Il-konti.

U inti Mario xi tgħid?

Mario.

Jien nixtieq ħaġa minn għandek ġi.

Il-konti.

Ghidli, ibni.

Mario.

It-tifel tas-sur Prokuratur ilu mqabbad maghna mis-sena l-ohra. Nixtieq li ittini permess li nikkastigah jien.

Il-konti.

Lil-Lezzru. Erzaq ~~t-k~~ 'l-hawn, sinjorinu, halli tiehu li jisthoqlok.

Il-Prokuratur.

Kontinu, nitlob mahfra ghalih jien.

Mario.

Le, hemm bzonn jiehu li haqqu. Imur fuq Lezzru u jghanqu. Hekk inpattihom l-azzjonijiet tziena jien.

Clermont.

Bravu.

Kulhadd.

Bravu. Bravu.

Il-konti

Jghangu mieghu. Inhossni tassew kburi li ghandi neputijiet bhal dawn.
Piere ijomlu idu l-ohra u jhares lejh,
Jiffurmaw kwadru.

Temiem

Jenes.